MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 402/2009

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-22 ta' Dicembru tas-sena 1994 fir-Registru Civili nostran (Dok A);
2. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal – Silvan D nhar it-3 ta' Novembru tas-sena 1994 u Jessica D nhar is-16 ta' Lulju 1996;

3. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt tat-2 ta' Settembru 2009 ( in atti Not Annalise Micallef);
4. Illi z-zwieg suiccitat kien karpit minn vizzju fil-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u z-zwieg kien ivvizzjat stante li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskuzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg ai termini tal-artiklu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta kif ser jigi pprovat f'dina l-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex wara li taghmel il-pronunzjamenti mehtiega :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li sehh nhar it-22 ta' Dicembru 1994 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tghaddi biex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti kollha pubblici relevanti skont il-Ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew ezebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut baqa' kontumaci f'din il-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi xehdet l-attrici u qalet illi hija ltaqghet mal-konvenut meta kellha ghoxrin sena, ghamlu xi sentejn johorgu flimkien, imbaghad harget tqila bit-tifel il-kbir li llum il-gurnata ghandu sittax –il sena. Hija xehdet illi meta harget tqila bit-tifel il-kbir ma kellha ebda hsieb li tizzewweg lill-konvenut, izda zzewwgu sabiex it-tifel ikollu kunjom missieru, hija ma ridietx illi binha jitwieled barra z-zwieg. L-attrici xehdet illi hija la kellha ideja ta' xinhu z-zwieg, la riedet hajja dejjiema mal-konvenut, u xejn aktar, izda riedet biss li binha ma jitwiliedx barra miz-zwieg u jkun illegittimu.  L-attrici kompliet tixhed illi ftit wara li twieled it-tifel il-kbir, hija kellha tifla, illi llum il-gurnata ghandha hmistax –il sena. Hija kompliet tixhed illi l-konvenut ghandu vizzju ikrah hafna, li hu dak tax-xorb u illi dejjem kellu dan il-vizzju anke qabel iz-zwieg, izda wara z-zwieg il-vizzju tieghu ggrava hafna aktar, tant illi fis-sena elfejn u sebgha, l-affarijiet saru iktar insopportabbli, meta l-vizzju tax-xorb riekeb lill-konvenut li beda jgholli jdejh fuqha u ghalhekk kellha titlaq mid-dar. L-attrici xehdet illi llum il-gurnata ghandha wiehed u erbghin sena  u mmaturat u illi illum il-gurnata tirrejalizza li meta zzewwget lill-konvenut ma kinetx taf x'kienu l-obbligi essenzjali taz-zwieg u zzewget biss sabiex binha ma jkunx illeggittimu. Hija tifhem ukoll illi peress illi l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb, huwa ukoll ma kienx f'qaghda  li jaghraf  x'kienu r-responsabbilitajiet taz-zwieg.

Ikkunsidrat:

Illi l-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament fuq l-artikolu 19(1) d u 19 (1) f tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 19(1)d jghid illi jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewġa, allura dak il-kunsens ikun null;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew, dwar difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, "illli sabiex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika (mhux necessarjamant anomalija psikologika fis-sens mediku u psikjatriku), l-inkapacita` tista` tkun ukoll kostituzzjonali u cioe` li wiehed ma jistghax jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali". Il-Qorti rat, f'dan ir-rigward, sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet: "Isabelle Zarb vs Stephen Attard".

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita, izda inkapacita` intelletwali u volitiva, li allura jfisser dik il-fakolta` kritiko- estimativa jew kritiko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg. Wiehed irid ikun kapaci jaghraf u jirrifletti u jeddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali;

Illi kif intqal permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, tal-5 ta' Gunju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet "Ali Chahid –vs- Mary Spiteri" "il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tespremih trid tkun konxja tal-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga, bhal ma huma l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli";

Illi l-legislatur, fil-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ddefiniex l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda dawn l-obbligazzjonijiet huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti:

1. L-obbligazzjoni li tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala unjoni bejn il-koppja mizzewga, li ghandha bhala l-bazi taghha, il-prokrejazzjoni tal-ulied;

2. L-obbligazzjoni tal-komunita` tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel;

3. Il-*Mutual well-being* li huwa nseparabbli minn ambjent li jwassal ghall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;

4. L-obbligazzjoni li jigu milqugha u jigu edukati u jitrabbew l-ulied fil-kuntest tal-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiema biss ix-xiehda tal-attrici, peress li l-konvenut mhux talli huwa kontumaci, talli lanqas biss xehed f'din il-kawza;

Illi mix-xiehda tal-attrici rrizulta li hija zzewget biss sabiex binha ma jkunx illegittimu w ammettiet hija stess li ma kinetx taf x'kien ifisser iz-zwieg u x'kienu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk gie pprovat illi l-kunsens tal-attrici kien vizjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda l-Qorti rat illi ma giex ippruvat illi l-attrici kienet tbati minn xi anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet ukoll illi l-konvenut dejjem kien ibati mill-vizju tax-xorb qabel iz-zwieg u wara z-zwieg, dan il-vizzju aktar rikbu, tant illi beda jerfa' idejh fuqha;

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju dwar iz-zwieg u dwar l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi effettivament irrizulta illi l-partijiet ma ghexux il-hajja mizzewga, kif trid il-ligi, u li hadd mill-partijiet ma kien kapaci jaqdi l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 19(1)f jghid illi: "z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-

elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".

Illi l-attrici wkoll tat bhala raguni ghal dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg taghha din ir-raguni, u cioe` "illi l-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg";

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew "illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz, gie ritenut illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet giet espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens". Il-Qorti f'dan ir-rigward rat sentenza ta' din il-Qorti, moghtija fid-9 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet "Nicolai Balzan –vs- Simone Cremona u ohrajn"; fejn il-Qorti qalet "illi sabiex tirrizulta simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat illi il-'*finis operis*' taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg".

Illi f'dan ir-rigward tal-elementi tal-hajja mizzewga, il-Qrati dejjem irritenew "illi dan l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, d-dritt ghal fedelta u d-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied". Il-Qorti f'dan ir-rigward rat sentenza ta' din il-Qorti, moghtija fil-kawza fl-ismijiet: "Grech vs Grech", deciza fid-9 ta' Ottubru, 1990.

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni tal-istess attrici, illi qatt ma riedet tghix il-hajja mizzewga mal-konvenut, qatt ma riedet illi tibqa' mieghu b'mod permanenti, il-Qorti rat illi gie ppruvat illi l-kunsens tal-attrici kien  vizzjat ukoll peress illi hija eskludiet b'att posittiv tar-rieda taghha, iz-zwieg innifsu, minkejja l-fatt illi hija ghaddiet mic-cerimonja formali taz-zwieg;

Ghaldaqstant u ghal ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet illi sehh fit-22 ta' Dicembru, 1994 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega, fl-atti kollha pubblici relevanti skont il-ligi; bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------